Il-Kummissjoni Ewropea

Juvenes Translatores

# Ir-regoli tal-konkors Juvenes Translatores


**INTRODUZZJONI** ..... 2

**1. TNEDIJA TAL-KONKORS** ..... 2

**2. REĠISTRAZZJONI TAL-ISKEJJEL** ..... 2

**3. GĦAŻLA TAL-ISKEJJEL** ..... 4

**4. GĦAŻLA U REĠISTRAZZJONI TAL-ISTUDENTI** ..... 5

**5. JUM IL-KONKORS** ..... 6

**6. VALUTAZZJONI TAT-TRADUTTURI** ..... 8

**7. TĦABBIR TAR-REBBIEĦA U TAL-ISTUDENTI B'APPREZZAMENT SPEĊJALI** ..... 9

**8. ĊERIMONJA TAL-PREMJAZZJONI U ŻJARA TA' 3 IJIEM FI BRUSSELL** ..... 9

**9. INTERPRETAZZJONI TAR-REGOLI U TAL-ISTRUZZJONIJIET** ..... 10

**Teħtieġ aktar informazzjoni?** ..... 10

## INTRODUZZJONI

Id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠ Traduzzjoni) tal-Kummissjoni Ewropea jorganizza l-*Juvenes Translatores 2025*, **konkors tat-traduzzjoni online** għall-iskejjel sekondarji fl-Unjoni Ewropea.

L-**istadji ewlenin tal-konkors** huma:

1. tnedija tal-konkors
2. ir-reġistrazzjoni tal-iskejjel
3. għażla tal-iskejjel
4. għażla u reġistrazzjoni tal-istudenti
5. jum il-konkors
6. valutazzjoni tat-tradutturi
7. tħabbir tar-rebbieħa u tal-istudenti b'apprezzament speċjali
8. ċerimonja tal-premjazzjoni għar-rebbieħa, bħala parti minn żjara ta' 3 ijiem fi Brussell.

**Ir-regoli u l-istruzzjonijiet fid-dettall tal-konkors għal kull stadju huma spjegati hawn taħt**.

## 1. TNEDIJA TAL-KONKORS

DĠ Traduzzjoni jniedi l-konkors fis-sit web uffiċjali ta' Juvenes Translatores:

**fit-2 ta' Settembru 2025, f'12 PM (Ħin tal-Ewropa Ċentrali)**

Dan jinkludi l-link għall-pjattaforma tal-konkors ħalli tkun tista' tirreġistra l-iskola tiegħek.

L-informazzjoni hi ppubblikata wkoll fuq il-media soċjali:

- Facebook: https://www.facebook.com/translatingforeurope
- Instagram: https://www.instagram.com/translatingforeurope

## 2. REĠISTRAZZJONI TAL-ISKEJJEL

Jekk l-iskola tiegħek tixtieq tipparteċipa, trid **tirreġistra** fuq il-**pjattaforma tal-konkors:**

bejn it-**2 ta' Settembru, 12 PM (Ħin tal-Ewropa Ċentrali), u l-14 ta' Ottubru 2025, 12 PM (Ħin tal-Ewropa Ċentrali)**

Il-link għall-pjattaforma tal-konkors jiġi ppubblikat fis-sit web uffiċjali tal-JT u fuq il-media soċjali meta tiftaħ ir-reġistrazzjoni. Reġistrazzjonijiet mhux mimlijin kollha jew li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

**Jekk l-iskola tiegħek tixtieq tipparteċipa, trid tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt.**

L-**iskejjel sekondarji** biss jistgħu jipparteċipaw.

Il-**konkors mhuwiex miftuħ għal**:

- skejjel li jgħallmu l-lingwi permezz ta' klassijiet filgħaxija;
- organizzazzjonijiet li jipprovdu korsijiet simili tal-lingwi li ma jagħmlux parti mill-kurrikulu tal-iskola sekondarja.

**L-iskejjel għandhom**:

- ikunu f'**pajjiż tal-UE**;
- ikunu rikonoxxuti mill-awtoritajiet edukattivi ta' pajjiż wieħed jew aktar tal-UE;
- idaħħlu bejn 2 u 5 parteċipanti li **twieldu fl-2008**;
- ikollhom **aċċess għall-internet**;
- ikollhom it-**tagħmir tal-IT** meħtieġ.

Qabel ma ssir ir-reġistrazzjoni, l-għalliem responsabbli għandu jikseb l-approvazzjoni tal-**kap tal-iskola (il-prinċipal) biex l-iskola tkun tista' tipparteċipa** (l-għalliema biss jistgħu jirreġistraw lill-iskola tagħhom, mhux l-istudenti).

Fir-reġistrazzjoni (**reġistrazzjoni waħda biss għal kull skola**), l-iskola trid tipprovdi:

- l-isem u l-indirizz uffiċjali tal-iskola;
- l-isem tal-għalliem responsabbli, u
- tal-anqas indirizz tal-email wieħed validu.

Peress li dan l-**indirizz tal-email se jkun l-uniku mod biex aħna nikkomunikaw** mal-iskola, jekk jogħġbok:

- iċċekkja l-emails regolarment (u xi kultant ittawwal fil-junk mail ukoll), u
- kun ċert li ma tkunx mimlija.

L-iskola trid toħloq kont, b'username u password tagħha – dawn se tiġi bżonnhom kull meta tagħmel login fil-futur fil-pjattaforma tal-konkors (inkluż l-aċċess għall-parteċipanti fil-jum tal-konkors) – u timla l-oqsma meħtieġa għar-reġistrazzjoni.

L-isem uffiċjali tal-iskola għandu jinkiteb b'mod sħiħ, bl-użu ta' kapitali fil-bidu fejn meħtieġ u l-ittri speċifiċi kollha u d-dijakritiċi meħtieġa fil-lingwa tal-iskola. Tużax abbrevjazzjonijiet. Eżempju: *Ukmergės Šilės Šilevičiaus gimnazija*.

**Meta tirreġistra, l-iskola tkun qed timpenja ruħha li ssegwi r-regoli u l-istruzzjonijiet għall-konkors** u, jekk tintgħażel, li torganizza l-konkors fil-bini tal-iskola tiegħek fis-**27 ta' Novembru 2025**.

Dan jinkludi:

- tagħżel u ddaħħal **parteċipanti li twieldu fl-2008;**
- tippermetti lill-istudenti jieħdu sehem fil-konkors;
- tipprovdi l-faċilitajiet, it-tagħmir tal-IT u l-istaff adatti għall-konkors;
- tiżgura li l-parteċipanti u l-ġenituri jew il-kustodji tagħhom huma familjari ma' dawn ir-regoli u l-istruzzjonijiet u jaqblu magħhom;
- tiżgura li l-konkors isir f'kundizzjonijiet ġusti u imparzjali, u
- Jekk parteċipant mill-iskola jkun wieħed mis-27 rebbieħa, jippermettu lilu u l-għalliem tiegħu ifallu mill-iskola biex jattendu ċ-ċerimonja tal-premjazzjoni, bħala parti minn żjara ta' 3 ijiem fi Brussell.

L-iskola taqbel ukoll li, jekk tintgħażel għall-konkors, isimha jidher fis-sit web uffiċjali tal-Juvenes Translatores (JT).

L-**iskola li tipparteċipa trid tiżgura li għandha l-apparat IT neċessarju u li jiffunzjona sew**:

- Kompjuter għal kull parteċipant
- Il-keyboard it-tajba għal-lingwa mira
- L-apparat kollu tal-IT jrid ikun lest fi żmien biżżejjed qabel ma jibda l-konkors
- Konnessjoni tal-Internet (mill-inqas 1Mbit/s)
- Ir-rekwiżiti tekniċi għall-kompjuter:
  - ❖ Sistemi operattivi:
    - Windows 10 jew verżjoni aktar reċenti
    - iOS 12.3 jew verżjoni aktar reċenti
  - ❖ Browsers:
    - Chrome 101 jew verżjoni aktar reċenti
    - Firefox 100 jew verżjoni aktar reċenti
    - Safari 15.4 jew verżjoni aktar reċenti
    - Edge 100 jew verżjoni aktar reċenti
    - Opera 86 jew verżjoni aktar reċenti

Il-browsers ma jrid ikollhom ebda **plugin addizzjonali** bħal ad blockers jew ċekkjaturi. Il-JavaScript għandu jkun attivat.

L-iskejjel iridu jkopru l-kostijiet lokali li jonfqu biex jorganizzaw il-konkors.

**Skola li tonqos milli tonora dawn l-impenji tista' tiġi eskluża mill-konkors**.

## 3. GĦAŻLA TAL-ISKEJJEL

Wara li tagħlaq ir-reġistrazzjoni għall-iskejjel, isir **tlugħ bix-xorti b'mod elettroniku** biex jintgħażlu l-iskejjel għall-konkors minn fost dawk li rreġistraw.

**In-numru ta' skejjel magħżulin minn kull Stat Membru se jkun daqs in-numru ta' siġġijiet li l-pajjiż għandu fil-Parlament Ewropew**:

| Stat Membru | Skejjel |
|---|---|
| L-Awstrija | 20 |
| Il-Belġju | 22 |
| Il-Bulgarija | 17 |
| Il-Kroazja | 12 |
| Ċipru | 6 |
| Iċ-Ċekja | 21 |
| Id-Danimarka | 15 |
| L-Estonja | 7 |
| Il-Finlandja | 15 |
| Franza | 81 |
| Il-Ġermanja | 96 |
| Il-Greċja | 21 |
| L-Ungerija | 21 |
| L-Irlanda | 14 |
| L-Italja | 76 |

| | |
|---|---|
| Il-Latvja | 9 |
| Il-Litwanja | 11 |
| Il-Lussemburgu | 6 |
| Malta | 6 |
| In-Netherlands | 31 |
| Il-Polonja | 53 |
| Il-Portugall | 21 |
| Ir-Rumanija | 33 |
| Is-Slovenja | 9 |
| Is-Slovakkja | 15 |
| Spanja | 61 |
| L-Iżvezja | 21 |
| **TOTAL** | **720** |

Għall-finijiet ta' din l-għażla, **l-iskejjel se jingħaddu skont il-kwota tal-pajjiż fejn jinsabu**. Pereżempju, l-iskola Spanjola *IES Liceo español* "Luis Buñuel" fi Franza se tgħodd mal-kwota ta' Franza.

Il-**lista tal-iskejjel magħżulin** se tiġi ppubblikata fis-sit web uffiċjali tal-JT sa tmiem **Ottubru 2025**.

L-għażla hi finali u **ma tistax tiġi kkontestata**. Madankollu, jekk skola magħżula tirtira jew ma tkunx tista' tipparteċipa, u l-ħin u r-riżorsi jippermettu, il-kwota għall-pajjiż tista' timtela bi tlugħ bix-xorti ieħor fost l-iskejjel ta' dak il-pajjiż. F'dawn il-każijiet, il-lista ppubblikata fis-sit web tista' ma tiġix aġġornata, iżda l-iskola se tiġi infurmata direttament.

## 4. GĦAŻLA U REĠISTRAZZJONI TAL-ISTUDENTI

Jekk l-iskola tiegħek tintgħażel fit-tlugħ bix-xorti b'mod elettroniku, ikollok tirreġistra l-parteċipanti u l-pari tal-lingwi li jagħżlu fil-pjattaforma tal-konkors sa mhux aktar tard mid-19 ta' Novembru 2025 sa 12 PM (Ħin tal-Ewropa Ċentrali).

Kull skola magħżula tista' ddaħħal minn **2 sa 5 parteċipanti**. L-għalliem irid jirreġistra isimhom u l-pari tal-lingwi li jagħżlu (il-lingwa li se jittraduċu minnha u l-lingwa li jridu jittraduċu għaliha) fil-pjattaforma tal-konkors sa mhux aktar tard minn **12 PM (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) fid-19 ta' Novembru 2025**.

Nitolbuk tinnota li l-iskejjel b'parteċipant wieħed biss irreġistrat ma jistgħux jipparteċipaw fil-konkors. Jekk ma tkunx daħħalt minn 2 sa 5 parteċipanti sa din id-data tal-għeluq, se nikkanċellaw il-parteċipazzjoni tiegħek u nagħtu l-opportunità lil skola oħra li qed tistenna li tintgħażel. Jekk għal raġuni mhux prevista l-iskola tiegħek jew parteċipant irreġistrat, ma jistgħux jipparteċipaw fil-konkors, jekk jogħġbok informa lill-organizzaturi dwarha mill-aktar fis possibbli.

La l-parteċipanti u lanqas il-pari tal-lingwi ma jistgħu jinbidlu wara din id-data.

Kull skola magħżula għandha tirreġistra bejn **2 u 5 parteċipanti** fil-pjattaforma tal-konkors, li jridu:

- ikunu **twieldu fl-2008;**
- ikunu **rreġistrati b'mod permanenti** fl-iskola.

L-għan tar-regoli dwar is-sena tat-twelid hu biex ikun hemm kundizzjonijiet ugwali għas-sistemi tal-edukazzjoni kollha fl-UE.

L-iskola għandha tispeċifika l-**pari tal-lingwi** magħżulin minn kull parteċipant, jiġifieri l-lingwi li minnhom u li għalihom qed jippjanaw li jittraduċu:

- *lingwa sors* = il-lingwa li se jittraduċu minnha;
- *lingwa mira* = il-lingwa li jittraduċu lejha.

Il-parteċipanti jistgħu jagħżlu li jittraduċu minn kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE lejn kwalunkwe lingwa oħra uffiċjali tal-UE. Il-**lingwi uffiċjali tal-UE** huma:

| | | | |
|---|---|---|---|
| il-Bulgaru (BG) | l-Estonjan (ET) | l-Irlandiż (GA) | il-Portugiż (PT) |
| il-Kroat (HR) | il-Finlandiż (FI) | it-Taljan (IT) | ir-Rumen (RO) |
| iċ-Ċek (CS) | il-Franċiż (FR) | il-Latvjan (LV) | is-Slovakk (SK) |
| id-Daniż (DA) | il-Ġermaniż (DE) | il-Litwan (LT) | is-Sloven (SL) |
| l-Olandiż (NL) | il-Grieg (EL) | il-Malti (MT) | l-Ispanjol (ES) |
| l-Ingliż (EN) | l-Ungeriż (HU) | il-Pollakk (PL) | l-Iżvediż (SV) |

L-għażla tal-pari tal-lingwi ta' kull parteċipant trid tkun saret matul il-perjodu ta' reġistrazzjoni għall-parteċipanti fil-pjattaforma tal-konkors. Jekk jogħġbok iċċekkja darbtejn li din l-informazzjoni hija rreġistrata korrettament u jekk mhijiex, ikkuntattja lill-organizzatur minnufih.

Nissuġġerixxu bi sħiħ li l-parteċipanti jittraduċu *għal*-lingwa nattiva tagħhom jew il-lingwa li jħossuhom l-aktar kunfidenti fiha. Madankollu, trid tkun waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE msemmija hawn fuq.

L-iskola trid tinforma lill-ġenitur(i) jew il-kustodju/i ta' kull parteċipant dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-konkors.

L-iskejjel jistgħu jistabbilixxu l-kriterji tagħhom għall-għażla tal-parteċipanti, iżda dawn għandhom ikunu ċari, ġusti u mhux diskriminatorji. Jekk id-DĠ Traduzzjoni jikkunsidra li skola użat kriterji inġusti jew diskriminatorji, nistgħu niddeċiedi li neskludu l-iskola mill-konkors.

L-iskejjel m'għandhomx jiddiskriminaw kontra **studenti b'diżabbiltà**. It-tim tal-JT hu konxju li jista' jkun hemm bżonn li jsiru arranġamenti speċjali biex il-parteċipanti b'diżabbiltà jkunu jistgħu jieħdu sehem taħt kundizzjonijiet ġusti u ugwali. Jekk ikun hemm il-possibbiltà li l-arranġamenti neċessarji jmorru kontra r-regoli (eż. jekk id-diżabbiltà tnaqqas ir-ritmu tal-ittajpjar tal-parteċipant u allura jkollu bżonn aktar ħin biex ilesti t-traduzzjoni fil-ħin), ikkuntattja lit-tim tal-JT u ddeskrivi d-diżabbiltà u l-arranġamenti proposti, għall-approvazzjoni minn qabel.

Id-DĠ Traduzzjoni jiżgura li kwalunkwe *data* personali titħassar skont il-liġi applikabbli. Informazzjoni aktar dettaljata dwar l-obbligi tal-protezzjoni tad-data huma pprovduti fl-istqarrija ta' privatezza tal-*Juvenes Translatores.*

## 5. JUM IL-KONKORS

Il-konkors tat-traduzzjoni għandu jsir fil-bini tal-iskola u għandu jsir simultanjament fl-iskejjel kollha li jieħdu sehem – **fis-27 ta' Novembru 2025** bejn l-10 AM – 12 PM (Ħin tal-Ewropa Ċentrali).

Il-parteċipanti jridu jilloggjaw fl-istess ħin mal-pjattaforma tal-konkors bil-username u l-password individwali tagħhom (li l-għalliem responsabbli se jkun irċieva wara li jkun irreġistrahom għall-konkors).

Ladarba l-parteċipanti jkunu lloggjati, huma jaraw immedjatament it-test sors fil-lingwa li jkunu għażlu fuq l-iskrin tal-kompjuter tagħhom. Wara jkunu jistgħu jittajpjaw it-traduzzjoni

tagħhom fil-kaxxa li tidher biswit dan it-test. **Waqt li jkunu qed jittraduċu, għandhom jiftakru li jissejvjaw it-test tagħhom f'intervalli regolari.**

L-iskola trid tiżgura li l-ambjent tal-IT qed jaħdem kif suppost, u tagħmel dak kollu li hu possibbli biex tiżgura li l-konkors isir taħt kundizzjonijiet ġusti u imparzjali.

L-iskejjel huma responsabbli għall-organizzazzjoni fiżika tal-konkors fil-bini tagħhom, inklużi l-arranġamenti prattiċi kollha fil-jum tal-konkors, jiġifieri:

- il-ġbir tal-parteċipanti fil-post fejn se jsir il-konkors
- l-iżgurar li kull parteċipant jingħata t-tagħmir tal-IT u l-konnessjoni tal-internet neċessarji
- l-għoti tal-username u l-password individwali lill-parteċipanti (assenjati lil kull parteċipant meta jiġu rreġistrati) sabiex ikollhom aċċess għall-pjattaforma tal-konkors u jkunu jistgħu jittraduċu t-test
- is-superviżjoni tal-parteċipanti matul il-konkors, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li ma jintużawx materjali tal-għajnuna jew għodod ta' traduzzjoni pprojbiti, u
- l-iżgurar li l-parteċipanti jissejvjaw u jissottomettu t-traduzzjonijiet tagħhom fi tmiem il-ħin tal-konkors.

Id-dizzjunarji huma għodod professjonali indispensabbli, għalhekk **il-parteċipanti jitħallew jużaw dizzjunarji stampati u/jew online**. Jistgħu jintużaw kemm dizzjunarji monolingwi kif ukoll bilingwi.

**Dawn li ġejjin *m'għandhomx* jintużaw**:

- iċ-ċekkjaturi tal-ortografija
- l-għodda tat-traduzzjoni permezz tal-kompjuter (CAT)
- it-traduzzjoni awtomatika (eż. Google Translate, DeepL)
- Intelliġenza artifiċjali (IA)

**Jekk jintużaw xi materjali tal-għajnuna/għodda minn dawn, it-traduzzjoni kkonċernata se tiġi skwalifikata**.

**Il-parteċipanti jridu jaħdmu b'mod individwali (mhux f'pari jew f'timijiet) u l-għalliema ma jistgħux jgħinuhom**.

L-iskejjel huma liberi li jużaw it-testi tat-traduzzjoni biex jittestjaw studenti oħra, barra mill-konkors (pereżempju, jorganizzaw kompetizzjoni interna parallela), iżda m'għandhomx jibagħtu it-traduzzjonijiet ta' dawn l-istudenti lil DĠ Traduzzjoni. Il-pjattaforma tal-konkors ma tistax tintuża għal dan l-għan.

**Qabel ma jispiċċa l-ħin tal-konkors, il-parteċipanti għandhom jissejvjaw u jissottomettu t-traduzzjoni tagħhom permezz tal-pjattaforma tal-konkors**. Huma se jirċievu messaġġ awtomatizzat li jikkonferma li t-traduzzjoni tagħhom ġiet sottomessa b'suċċess.

Jekk jixtiequ, il-parteċipanti jistgħu jipprintjaw it-traduzzjoni. L-għalliem responsabbli jista' jara wkoll it-traduzzjonijiet issejvjati viżibbli fil-pjattaforma tal-konkors fil-paġna ġenerali tal-parteċipanti.

Jekk, għal raġunijiet li jkunu lil hinn mill-kontroll tal-iskola, l-iskola ma tkunx tista' tibgħat it-traduzzjonijiet kif spjegat hawn fuq, jekk jogħġbok ibgħat email DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu għall-istruzzjonijiet.

It-traduzzjonijiet għandhom jitlestew matul il-ħin uffiċjali allokat għall-konkors.

Madankollu, jekk għal raġuni teknika l-parteċipant jilloggja 15-il minuta jew aktar tard, hu għandu jitħalla jittraduċi l-istess ammont ta' żmien itwal. **Kull parteċipant għandu jkollu sagħtejn sħaħ għat-traduzzjoni**.

Madankollu, jekk id-dewmien ikun ta' aktar minn 15-il minuta, ma tkunux tistgħu tissottomettu t-traduzzjoni fuq il-pjattaforma tal-konkors – minflok tridu tibagħtuhielna b'email (ara hawn fuq) **immedjatament**.

**F'każ ta' problema teknika ġenerali fil-bidu tal-konkors**, jew problemi konsistenti fil-login, jew problemi ta' mblukkar prinċipali oħrajn matul il-konkors, jekk jogħġobkom:

- **Żommu l-kalma**, se nsibu soluzzjoni;
- **Ikkonsultaw** il-paġna tal-Facebook tagħna għall-aġġornamenti li nistgħu nippostjaw dwar tali kwistjonijiet;
- **It-traduzzjoni tista' tibda bil-mod alternattiv tal-backup**:
  - **niżżlu it-testi tas-sors** li se jkunu ġew ippubblikati fis-sit web uffiċjali tal-JT tagħna fil-bidu tal-ħin tal-konkors, u
  - **ittraduċu f'Microsoft Word jew applikazzjonijiet simili (b'mod elettroniku, mhux fuq karta).**

B'dan il-mod parteċipant jista' jew:

- **jikkopja/jippejstja t-traduzzjoni tiegħu fil-pjattaforma** tal-konkors meta l-problema teknika tiġi solvuta, u jissottometti t-traduzzjoni permezz tal-pjattaforma tal-konkors kif inhu maħsub inizjalment; jew
- **jekk il-problema teknika ma tiġix solvuta sa tmiem il-ħin tal-konkors,** l-għalliem jista' jibagħtilna email bil-verżjonijiet elettroniċi tat-traduzzjonijiet tal-parteċipanti u t-tim tal-JT se japplowdja kull traduzzjoni fil-profil tal-parteċipant, biex b'hekk it-Tradutturi tad-DĠ ikunu jistgħu jivvalutawhom hemm.

Sa fejn hu possibbli, it-tim tal-JT se jwieġeb il-mistoqsijiet u jipprovdi parir immedjat b'email (DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu) fil-fażijiet kollha tal-konkors.

## 6. VALUTAZZJONI TAT-TRADUTTURI

Kull traduzzjoni se tiġi vvalutata minn bord ta' tradutturi u reviżuri professjonali mid-DĠ Traduzzjoni.

Il-Bord se japplika kriterji simili għal dawk użati biex jiġu evalwati testi tradotti fid-DĠ Traduzzjoni, jiġifieri:

- il-preċiżjoni tat-traduzzjoni
- il-kapaċità ta' kitba korretta (grammatika u għażla ta' espressjonijiet)
- il-kapaċità ta' kitba mexxejja
- il-kreattività fis-soluzzjonijiet għat-traduzzjoni.

Il-Bord jista' jiskwalifika kwalunkwe traduzzjoni li jemmen li ma tkunx ġiet prodotta f'kundizzjonijiet ġusti u imparzjali, pereżempju jekk ikun jidher li ntużaw xi għodod ipprojbiti.

Wara l-valutazzjoni, bord sekondarju presedut mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ Traduzzjoni se jagħżel **l-aħjar traduzzjoni minn kull pajjiż tal-UE**. Id-deċiżjonijiet taż-żewġ bordijiet huma finali.

Ix-xogħol u d-deċiżjonijiet tal-bordijiet huma kunfidenzjali. Ebda marka individwali mhi se tiġi rilaxxata u mhu se jiġi kkomunikat ebda kumment għat-traduzzjonijiet individwalment.

Jistgħu jingħataw **apprezzamenti speċjali** lil uħud mill-parteċipanti, jekk it-traduzzjonijiet tagħhom ikunu ta' kwalità eċċellenti. L-għalliema kkonċernati jiġu infurmati dwar dan permezz ta' email – wara li jitħabbru r-rebbieħa jiġifieri sal-aħħar ta' Frar 2026.

**Ċertifikat ta' parteċipazzjoni** jista' jiġi ddawnlowdjat għal kull parteċipant li jkun issottometta traduzzjoni. Jista' jiġi ddawnlowdjat ukoll **ċertifikat** għall-għalliem li organizza l-konkors għall-iskola. Email b'aktar istruzzjonijiet dwar dan tintbagħat lill-iskejjel li pparteċipaw fil-konkors.

## 7. TĦABBIR TAR-REBBIEĦA U TAL-ISTUDENTI B'APPREZZAMENT SPEĊJALI

**Ir-rebbieħa** jitħabbru fi **Frar 2026**. L-ismijiet flimkien mat-traduzzjonijiet rebbieħa jiġu ppubblikati fis-sit web uffiċjali tal-JT, flimkien mal-lista ta' studenti bi traduzzjonijiet eċċellenti li ħadu **apprezzament speċjali.**

It-tħabbir jista' jkun kopert fuq il-midja.

## 8. ĊERIMONJA TAL-PREMJAZZJONI U ŻJARA TA' 3 IJIEM FI BRUSSELL

Ir-rebbieħa, flimkien ma' mhux aktar minn 2 adulti (ġenituri/kustodju legali) u għalliem wieħed għal kull rebbieħ, se jiġu mistednin żjara ta' 3 ijiem fi Brussell fir-rebbiegħa tal-2026.

Ir-rebbieħa li jattendu jridu jkunu akkumpanjati minn mhux aktar minn żewġ ġenituri jew kustodji legali. Il-ġenituri jew kustodji legali jridu jieħdu r-responsabbiltà sħiħa tar-rebbieħa waqt il-vjaġġ u s-soġġorn fi Brussell.

Il-Kummissjoni se torganizza u tħallas għall-vjaġġ, l-akkomodazzjoni u xi ikliet. Apparti mill-assigurazzjoni ġenerali li tkopri l-viżitaturi meta jkunu fil-bini tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni mhi se torganizza jew tħallas ebda assigurazzjoni għall-vjaġġ jew is-soġġorn fi Brussell. Ir-rebbieħ, l-għalliem u l-ġenituri/il-kustodji legali li jakkumpanjaw iridu jipprovdu d-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa[1].

It-tim tal-JT se jibgħat formola ta' rilaxx lill-iskola tar-rebbieħ bl-email, li għandha tiġi **stampata, iffirmata mill-istudent u l-oħrajn** (ara hawn taħt), u **mibgħuta lura** lill-organizzaturi sad-data tal-għeluq, flimkien ma' kopja valida tal-ID tal-istudent.

Il-formola tar-rilaxx trid tiġi ffirmata:

- l-istudenti;
- mill-ġenitur(i)/kustodju(i) tagħhom (*jekk l-istudent(a) se jkollu/jkollha anqas minn 18-il sena meta jsir il-vjaġġ tal-premjazzjoni*).

Meta jimlew din il-formola, l-istudenti u l-ġenitur(i)/kustodju/i tagħhom jaqblu li:

- it-traduzzjonijiet jiġu ppubblikati fis-sit web tal-JT u jistgħu jiġu użati internament mill-istituzzjonijiet tal-UE għal sessjonijiet ta' taħriġ fil-futur dwar l-evalwazzjoni tat-traduzzjonijiet;
- l-istudent se jitħalla jmur Brussell għaż-żjara ta' 3 ijiem;
- ir-ritratti u l-videos taċ-ċerimonja tal-premjazzjoni u taż-żjara fi Brussell jistgħu jiġu ppubblikati fis-sit web uffiċjali tal-JT u fuq il-media soċjali. Il-Kummissjoni se torganizza u tkopri l-vjaġġ, l-akkomodazzjoni u xi ikliet.

L-istqarrija ta' privatezza tal-*Juvenes Translatores* tispeċifika kif tinġabar id-data personali, kif tiġi pproċessata u użata skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.

[1] Il-Kummissjoni se tħallas għall-ivvjaġġar mill-pajjiż tal-oriġini tar-rebbieħ lejn il-lukanda tagħhom fi Brussell, iżda mhux għal trasferimenti qosra, bħal taxi lejn u mill-ajruport/stazzjon tal-ferrovija fil-pajjiż ta' oriġini tar-rebbieħ.

## 9. INTERPRETAZZJONI TAR-REGOLI U TAL-ISTRUZZJONIJIET

L-interpretazzjoni ta' dawn ir-regoli tal-konkors mid-DĠ Traduzzjoni hi finali.

### Teħtieġ aktar informazzjoni?

- Is-sit web uffiċjali tal-Juvenes Translatores: Juvenes Translatores - Il-Kummissjoni Ewropea
- Facebook: https://www.facebook.com/translatingforeurope
- Instagram: https://www.instagram.com/translatingforeurope/
- Email ta' kuntatt –
- Il-persuna ta' kuntatt tal-JT f'pajjiżek: https://commission.europa.eu/about-european-commission/departments-and-executive-agencies/translation/dg-translation-local-offices_en